MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Numru 893/2007

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
NEVILLE ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neville Zammit maghruf bhala *Hasan* ta’ 46 sena, iben Vladimir u Jane nee’ Caruana, imwieled l-Isla fil-15 ta’ Settembru, 1961 u residenti fil-fond numru: 21, Triq il-Margeriti, *Omissis Post* u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 667561(M).

U akkuzat talli:

A). Nhar il-25 ta’ Settembru, 2007, ghal habta tas-6:30 ta’ fil-ghaxija, filwaqt li kien gewwa l-bandit ta’ *Omissis Post*, li jinsab hdejn Triq is-sebgha ta’ Lulju, 1961, gewwa *Omissis Post*, b’eghmil zieni, ikkorrompa lil *Omissis* minn

*Omissis Post* u minorenni ohra, liema persuni huma taht l-eta’, tas-sess oppost u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 203(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B). Ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), ecita, ghen jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ persuni taht l-eta’ tas-sess il-wiehed jew l-iehor, cioe’ lil *Omissis* minn *Omissis Post* u minorenni ohra u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 203(A) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C). Ukoll fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, wettaq attentat ghall-pudur ta’ *Omissis* minn *Omissis Post* u minorenni ohra, u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 207 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C). Ukoll gewwa l-bandli ta’ *Omissis Post*, li jinsab hdejn Triq is-sebgha ta’ Lulju, 1961, gewwa *Omissis Post*, offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

D). Ukoll, nahr il-25 ta’ Settembru, 2007, ghal habta tas-6:30 ta’ filghaxija, filwaqt li kont gewwa l-bandli ta’ *Omissis Post*, gab ruhu b’mod li jaghti fastidju lil minorenni *Omissis* minn *Omissis Post* u minorenni ohra, b’mod li kien jaf, jew li jmissu kien jaf li, kien ta’ fastidju ghall-persuna ta’ dina l-persuna u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 251(A) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

E). Ukoll, nahr il-25 ta’ Settembru, 2007, ghal habta tas-6:30 ta’ filghaxija, filwaqt li kien gewwa l-bandli ta’ *Omissis Post*, gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza’ li se jintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b’tali mgieba tieghuu, ser jikkaguna lil haddiehor biza’ u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 251 (B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F). Ukoll, nhar il-25 ta’ Settembru, 2007, ghal habta ta’ filghaxija, filwaqt li kien fl-inhawi ta’ *Omissis Post* u fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinstab fis-sakra, b’mod li ma jkunx

jista’ jiehu hsieb tieghu nnifsu u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (ff) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Barra minn dan, akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti naghtat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat, Neville Zammit, hati skond l-akkuza b’assorbiment ai fini ta’ piena tat-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuza u wara li rat l-Artikoli 203(1), 203(A), 207, 209, 251(A), 251(B), 338(ff), 412(C), 28A, 28G, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin.

In oltre’, il-Qorti tqieghed  lil-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta’ tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti, di piu’, tqieghed lill-imputat taht Treatement Order u dana sabiex ikompli l-programm ta’ riabilitazzjoni kontra l-alkohol taht l-awspici tas-Sedqa u di piu’, tqieghed lill-imputat taht Treatement Order simultanja ohra sabiex l-imputat jattendi terapija mal-‘clinical pshycologist’, Dr. Roberta Holland, mhux anqas minn darba fix-xahar u ghal

perijodu ta' sena sabiex l-imputat jindirizza l-problemi interni tieghu.

Fl-ahharnett, il-Qorti tordna l-hrug ta' 'Protection Order' fuq il-minuri, *Omissis*, minn *Omissis Post*, ai termini ta' l-Artikolu 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u torbot lill-imputat li ma javvicinax, ma jkellimx u ma jimmolestax lill-imsemmija minuri, ma jersaqx lejn l-iskola taghha jew lejn ir-residenza taghha u dana wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-kontenut ta' Artikolu 412C(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Protection Order ghandha tibqa' fis-sehh ghal perijodu ta' tlett snin mid-data tal-lum.

In oltre' l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services u lil Dr. Roberta Holland.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------